MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 434/2005

**Avviz numru 434/05DM**

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**Vs**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija, tmienja u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm1,668.12) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' 'mobile phone' bin-numru 99473851.

Bil-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz f'dan l-Avviz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma kkontestax it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz is-somma mitluba ta' elf, sitt mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm1,668.12) bl-imghax legali b'effett mis-27 ta' Lulju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------